

Brussell, 7 ta' April 2025
(OR. en)

7779/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0044(COD)

CODEC 394
SIMPL 15
ANTICI 18
ECOFIN 397
EF 103
DRS 25
COMPET 231
FIN 380
COH 42

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward tad-dati minn meta l-Istati Membri għandhom japplikaw ċerti rekwiżiti ta' rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà u d-diliġenza dovuta (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fis-27 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ippreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikoli 50 u 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Marzu 2025².

¹ 6595/25.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-3 ta' April 2025 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti u li għandha, għalhekk, tkun aċċettabbli għall-Kunsill³ peress li din il-pożizzjoni tikkorrispondi għall-mandat mogħti mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti⁴ lill-Presidenza fis-26 ta' Marzu 2025, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta fl-ewwel qari.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 6/25, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif indikat fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 7552/25.

⁴ 7275/25.